MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 700/2007

**Talba Nru: 700/07VGD**

Mobisle Communications Limited (C24655)

Vs

Valley View Development Limited

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mitejn u disa u tletin lira Maltija u tmintax il-centezmu (Lm239.18c) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta skond Client Contract Number 1007244 in

rigward ta' servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur ta' bejn Novembru 2006 u Dicembru 2006. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju 2007, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' cessjoni pprezentata mis-socjeta' attrici li biha cediet l-atti tal-kawza u zammet ferm il-kap ta' l-ispejjes.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi limitatament billi jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------